MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2011

Numru. 204/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Mamdouh Altllas ta' 27 sena mwieled Sirya, nhar l-01 ta' Jannar 1984 bin Hosin u Hamida nee` Abdullah u residenti 124, St. Peter, Triq Domenica Cachia, Birkirkara. Detentur tal-Karta ta' l-identita Nru 62005(A) Nru ta' Passaport 005398316**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mamdouh Altllas li permezz taghha huwa gie akkuzat talli:

1. Fit-22 ta' Jananr 2011 u fi granet ohra qabel din id-data, gewwa l-fond 124, St. Peter, Triq Domenico Cachia, Birkirkara heba jew ta' kenn lil xi persuna li kien jaf, jew

kellu ghax tassew jahseb, li kienet qeghda f’Malta kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

2. Fit-22 ta’ Jannar 2011 ghall-habta tas-sebgha ta’ filghodu, gewwa il-fond 124, St. Peter, Triq Domenico Cachia, Birkirkara fixkel jew impedixxa lil xi persuna fil-qadi legittimu tas-setghat jew tad-dmirijiet taghhom skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkosanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b’xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmlu dak li b’ligi ikun ordnat jew jistghu jaghmlu;

4. U aktar talli fl-isess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tal-imputat. Inolre ghalkemm l-imputat fixkel lill-pulizija fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet taghhom u gie akkuza b’dan, madanakollu sussegwentament huwa

fehem il-konsegwenzi ta’ l-azzjonijiet tieghu u kkopera mal-pulizija meta irrilaxxa l-istarrija tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 32(1)(a) u (e) tal-Kapitolu 217 u l-artikolu 338(ee) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ sena prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------